**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 08 - Seduta Speċjali**
**Sejħa Konsultazzjoni Triq Mdina/Triq Manwel Dimech/Triq Hal Luqa**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Daniel Ablett
Nicholai Falzon

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 08.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 08.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Daniel Ablett u Nicholai Falzon.

## 08.3 Diskussjoni re Sejha Konsultazzjoni Triq Mdina/ Triq Manwel Dimech / Triq Hal Luqa

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** beda din il-laqgħa billi qal li il-Kunsill iltaqa' biex jiddiskuti is-sitwazzjoni tat-traffiku mar-roundabout ta' fejn il-Monument Vittmi tal-gwerra u sabiex jinġabru l-ilmenti u is-suġġerimenti tar-residenti u jintbagħatu kollha f'korrispondenza waħda.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet l-aktar punti li tqajmu fil-konsultazzjoni u dawn is-suġġerimenti kienu sabiex isir :

a) Underpass fi Triq Manwel Dimech bejn il-Pavi u Triq Mdina direzzjoni lejn Haz Żebbuġ.
b) Sistema ta' traffic lights madwar ir-roundabout.
c) Roundabout tinqasam bħalma sar f'Haz Żebbuġ qabel iddur għas-Siġġiewi.
d) Triq Hal Luqa issir one way tinżel lejn Ħal Qormi biss u biex jitilgħu lejn Hal Luqa jitilgħu mit-triq tal-Ngieret.
e) Tiċkien ir-roundabout.
f) Triq Manwel Dimech issir ġnien u isir underpass taħtu
g) Titneħħa il-bankina kbira li saret Triq Mdina, sabiex tinfetaħ lane għal Hal Luqa.
h) L-uffiċjali joqgħodu minflok it-traffic lights.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issuġġerixxa sabiex is-suġġerimenti li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva, jinqasmu f'short, medium u long term.

Short Term – isiru fi żmien sitt xhur
Medium Term – isiru fi żmien sentejn
Long Term – isiru fi żmien ħames Snin

Short Term – isiru fi żmien sitt xhur

Sistema ta' traffic lights madwar ir-roundabout.

a) Triq Hal Luqa issir one way tinżel lejn Ħal Qormi  biss u biex jitilgħu lejn Hal Luqa jitilgħu mit-triq tal-Ngieret.
b) Titneħħa il-bankina kbira li saret Triq Mdina, sabiex tinfetaħ lane għal Hal Luqa.
c) L-uffiċjali joqgħodu minflok it-traffic lights.

Medium Term – isiru fi żmien sentejn

a) Roundabout tinqasam bħalma sar f'Haz Żebbuġ qabel iddur għas-Siġġiewi.
b) T'iċken ir-roundabout.

Long Term – isiru fi żmien ħames Snin

a) Underpass fi Triq Manwel Dimech bejn il-Pavi u Triq Mdina direzzjoni lejn Haz Żebbuġ.
b) Triq Manwel Dimech issir ġnien u isir underpass taħtu

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li il-Kunsill ma għandux jissuġġerixxi imma jitlob jekk jistax isir studju fuq dawn il-proposti.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li Traffic Management Unit hemm bord u dawn jiltaqgħu u jieħdu id-deċiżjonijiet huma.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issuġġerixxa li is-siġar il-kbar mar-roundabout ma jinqalghux u jekk ser isir xi proġett isir madwarhom

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa sabiex l-awtoritajiet iridu jagħtu suġġeriment sabiex jitnaqqsu il-vetturi milli jgħaddu min Ħal Qormi . L-idea hija sabiex Ħal Qormi  ma jibqax iservi ta' bypass.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li huwa kontra li isir flyover, Kunsilli preċedenti ħarġu kontriha u hu ma jaqbilx mal-kunċett ta' flyover għaliex joħnoq ir-residenzi tal-madwar. Is-Sindku qal li abbażi ta' studju isir underpass u traffic lights u jagħtuna studju biex Ħal Qormi  ma jibqax il-Bypass ta' Malta.

**08.4 Minuti Speċifiċi**

**08.4.1** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex il-Kunsill ikollu minuta speċifika sabiex jekk joħroġ xi proġett il-Kunsill jista japplika għall-7 seater van

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento għamilha ċara li sakemm ma jkunx hemm spejjez involuti ta' xiri tal-vettura u spejjez tax-xufier tagħha, il-Kunsill ikun qed jaqbel li jekk tinħareġ xi sejħa il-Kunsill ikun jista' japplika għaliha, l-importanti li ma tkunx għas-spejjez tal-kunsill.

**08.4.2** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex il-Kunsill ikollu minuta speċifika sabiex jekk joħroġ xi proġett il-Kunsill jista' japplika sabiex isir apparat li jikkalkula l-emissjonijiet tal-arja.

Il-Membri kollha preżenti qablu li jekk xi darba toħroġ xi sejħa, huma se jkunu qed jaqblu li japplikaw ġaladarba mhux se jkun għas-spejjez tal-Kunsill.

**08.5 Ħwejjeġ Oħra**

**08.5.1 No Entry Signs for Heavy Vehicles**

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** talab sabiex jekk ikun hemm qbil bejn il-membri it-toroq li jdawru Ħal Qormi jitwaħħlu tabelli biex ma jgħaddux vetturi kbar ħlief għar-residenti jew biex jagħtu servizz.

Saret diskussjoni bejn il-membri u semmew li tabelli diġà hemm iżda hemm bżonn aktar infurzar.

**08.5.2 Pelican Lights fejn Dar Pinto fi Triq Mdina**

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis semmiet li Infrastruttura Malta ma aċċettatx it-talba tal-Kunsill sabiex isiru Pelican Lights fejn Dar Pinto minħabba li ma hemmx distanza biżżejjed mill-Pelican Lights eżistenti fi Triq Mdina kantuniera ma Triq Guze Ellul Mercer.

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil sabiex tintbagħat talba lil Infrastruttura Malta biex tiġi ikkunsidrata proposta li il-Pelican lights isiru 50 metru l-isfel min Dar Pinto.

**08.5.3 Public Works Framework Agreement – Cat Cafe fi Triq id-Deheb Fin**

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** nformat li il-Kunsill talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara BOQ sabiex biċċa art bil-ħamrija u siġar biswit Ġnien Tumas Fenech issir Cat Cafe.

L-istima għal dan il-cat cafe telgħet għas-somma ta' **€26005.37**

Il-Membri qablu sabiex tali talba għal xogħlijiet tintbagħat lil Public Works u jintefqu mil-325 elf euro allokati għal Ħal Qormi għas-sena 2024/2025.

**08.5.4 Public Works Framework Agreement – Bankina wara il-Knisja ta' San Bastjan**

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** nformat li il-Kunsill talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara BOQ sabiex tinbidel il-bankina fuq wara tal-Knisja ta' San Bastjan man naħa tal-Knisja. Dan minħabba li il-bankina tinsab għolja u il-Kunsill rċieva ħafna ilmenti li min jipparkja hemm ma jkunx jista jiftaħ il-bieba tal-karozza.

L-istima għal din il-bankina ġdida telgħet għas-somma ta' €30,863.46 bil-konkos u €110,555.57 bil-porfido.

Il-Membri qablu sabiex tintbagħat it-talba bil-materjal tal-konkos u issir nota li il-Kunsill għandu stima ukoll bil-materjal porfido. Tali talba għal xogħlijiet tintbagħat lil Public Works u jintefqu mil-325 elf euro allokati għal Ħal Qormi għas-sena 2024/2025.

**08.5.5 Public Works Framework Agreement – Lista ta' Bankini li se jintalbu**

Saret diskussjoni bejn il-membri u qablu li il-Kunsill jitlob lil Perit tal-Kunsill BOQ għal dawn il-bankini sabiex isiru ġodda mill-Framework Agreement tal-Public Works.

Triq il-Bard
Triq Guze Galea (parti)
Triq iċ-Cawsli
Triq il-Ħelsien (bejn Triq is-Sajf u Triq ix-Xitwa quddiem ir-residenzi biss)
Sqaq il-Wied Nru 8, 9 u 10
Triq Cappadocia
Sqaq il-Blata Nru 1, 2 u 3
Cat Cafe fi Pjazza Narbona wara il-Knisja.

**08.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***14 ta' Novembru 2024***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |